### *F'għeluq is-60 sena mill-mewt ta'*

# L-Arċipriet Dun Girgor Borg

*kitba ta'* **Ivan SCERRI**



**Dun** Girgor Borg twieled il-Mosta nhar il-25 ta' Novembru 1891, iben Nikola u Marija mwielda Camilleri. Beda l-istudji tiegħu fl-iskola elementari tal-Mosta, u wara kompla fis-Seminarju ta' l-Arċisqof, fejn kien ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Marzu 1915, mill-Arċisqof Dom. Mauro Caruana O.S.B.

Beda l-ewwel ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċa tal-Mosta, u kien għal xi żmien ukoll Viġendarju f'Burmarrad. Kien ukoll membru fil-Missjoni l-Kbira u bħala predikatur imsemmi, ippriedka kemm-il darba l-eżerċizzi f'San Kalċidonju, il-Floriana (fejn illum hemm il-Kurja ta' l-Arċisqof), kif ukoll f'bosta paroċċi oħra.

Kien fis-sena 1930, li l-Arċisqof Mauro Caruana ħatru bħala it-tnejn u għoxrin ragħaj spiritwali u r-raba' Arċipriet tal-parroċċa tal-Mosta, u ħa l-pussess lejliet il-festa ta' Santa Marija, l-14 t'Awwissu.

Minbarra l-ħidma pastorali li tant kienet għal qalbu, Dun Girgor ma naqasx li jkompli jżejjen b'diversi opri tar-Rotunda. Kien fiż-żmien il-parrokat tiegħu li kienu saru s-sitt arkanġli tal-Kor, l-istatwi ta' Santa Marija u ta' San Ġużepp ta' fuq iz-zuntier, kif ukoll il-fontijiet ta' l-ilma mbierek.

Dawn l-opri ta' l-arti mill-isbaħ huma xogħol ta' l-iskultur Belti Ċensu Apap. Fl-1932 sar il-pulptu fuq id-disinn tas-Surmast Carmelo Tonna tar-Rabat, Malta, xogħol sabiħ fl-injam tal-ġewż u mżejjen bi tmien panewijiet tal-bronż basso riliev, li jirrappreżentaw l-Inkurunazzjoni tal-Madonna u s-Seba' Doni ta' l-Ispirtu s-Santu, xogħol bikri ta' l-iskultur Ċensu Apap. Bil-ħidma ta' Dun Girgor fl-1932 kienet ġiet mibnija mill-ġdid id-*Domus Curialis*, jiġifieri d-dar fejn joqgħod kull Arċipriet tal-parroċċa tal-Mosta, taħt it-treġija tal-bennej Mosti, Mastru Salv Zahra.



*Dun Girgor Borg (1891 - 1942)*

*(ritratt: Victor B. Caruana)*




*Santa b'tifkira tal-mewt ta' Dun Girgor li ġrat fit-2 ta' Ġunju 1942.*

Tul il-parrokat tiegħu ta' l-Arċipriet Borg insibu żewġ okkażjonijiet speċjali li fihom is-Soċjetà Filarmonika NICOLÒ ISOUARD tal-Mosta ħadet sehem attiv. Nhar it-12 t'Ottubru 1930 kien sar t-tieni Kungress Nazzjonali tax-Xirka ta' l-Isem t'Alla fil-parroċċa tal-Mosta, fejn f'din l-okkażjoni il-Banda Nicolò Isouard mexxiet korteo tul Triq il-Kungress Ewkaristiku bid-daqq ta' l-Innijiet Reliġjużi.

Okkażjoni speċjali oħra kienet nhar il-Ħadd, 6 ta' Diċembru 1936, meta kienet ġiet inawgurata il-koppla tar-Rotunda wara li kien tlesta x-xogħol ta' l-iskultura u l-induratura skond il-pjanta ta' l-arkitett inġinier Ġorġ Grognet de Vassè.

Dan ix-xogħol juri l-kapaċità ta' l-imgħallem Mosti Salvu Zahra, li kien ħażżeż bi preċiżjoni kbira d-disinn sabiħ ta' Grognet qabel ma kienet ġiet skolpita u ndurata l-koppla tar-Rotunda.

F'din l-okkażjoni l-istess Soċjetà Nicolò Isouard kienet ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li kienu saru f'jum l-inawgurazzjoni tal-koppla tar-Rotunda. Din l-

opra mill-isbaħ kienet ġiet imħallsa mill-Kavalier Carmelo Dimech, benefattur kbir tar-Rotunda, fosthom tal-vara ta' Kristu Mejjet magħruf aħjar bħala "il-Monument", li joħroġ fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-Kavalier Carmelo Dimech kien jokkupa wkoll għal diversi snin l-kariga ta' Teżorier tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard.

L-Arċipriet Borg, l-aktar li bata kien fiż-żmien it-tieni gwerra dinjija, meta l-awtoritajiet Ingliżi riedu li l-Knisja tal-Mosta sservi ta' xelter. U ta' patrijott Mosti li kien, Dun Girgor insista bil-qawwa kollha li l-Knisja ma kinitx post kenni u r-raġun ħadu nhar id-9 t'April 1942, meta waqt attakk mill-ajru, bomba Ġermaniża nifdet il-koppla tar-Rotunda, u li ma splodietx bl-interċessjoni t'Alla u t'Ommna Marija Assunta, il-Patruna tagħna l-Mostin.

Kienet għadha l-gwerra meta marda kiefra ħakmitu iżda l-imħabba tiegħu lejn il-parroċċa tal-Mosta baqgħet dejjem hemm tant li meta kien irtirat f'dar għall-mistrieħ f'Burmarrad, wara kull attakk mill-ajru kien jgħid lill-oħtu sabiex titla' fuq il-bejt tad-dar li kien mar jogħod fiha, sabiex tara jekk il-koppla tar-Rotunda kinitx għadha hemm.

L-Arċipriet Borg miet fit-2 ta' Ġunju 1942, fl-età ta' 50 sena, u ġie midfun fil-qabar tal-familja tiegħu fil-kannierja tar-Rotunda. B'tifkira tiegħu fil-kappella tal-Madonna tar-Rużarju, hemm lapida b'kitba bil-latin, kif ukoll kwadru tal-pittura fis-Sagristija tan-naħa tal-lemin.



*Il-qabar fejn jinsab midfun l-Arċipriet Dun Girgor Borg, fil-kannierja tar-Rotunda tal-Mosta.*

*(ritratt: Ivan Scerri)*

F'dan l-Arċipriet l-aktar kwalitajiet li għadu jissemma għalihom huma, li kien dejjem eżatt fid-doveri tiegħu ta' saċerdot, għad-dixxiplina u għal l-imħabba tiegħu lejn il-parroċċa tal-Mosta.

**Referenzi**:
"*Il-Mosta*", Nru. 10, (1968).
Ktieb ta' tifkira tal-125 sena mit-Twaqqif tal-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta, 1871-1996, p. 12-13.

**George Tonna**

**Tel: 21 412204 Mobile: 9942 5234**

***Point View Garage, New Street in Fort Road, Industrial Zone - Mosta***

***Għal kull xogħol fl-injam bħal twieqi, bibien, kċejjen, eċċ kif ukoll ħdim ta' arbli tal-festi***